QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 43** **IT-TLIETA 09 TA' NOVEMBRU 2010**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 09 ta' Novembru 2010 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Kunsilliera Angelo Briffa, Thomas Harmsworth, Jason Busuttil, Bjorn Azzopardi, Dennis Zammit, Jeffrey Camilleri, u Ralph Puli (7.12 pm).

Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, u l-Kunsillier Margaret Mercieca, u Simon Vella Gregory infurmaw li ma setgħux jattendu għal-laqgħa minħabba xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**43/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 42**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 42 li nżammet nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 42 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**43/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**43/02/01** **Is-Sindku** Jesmond Aquilina tkellem dwar is-serata mużiko-letterarja organizzata għall-inawgurazzjoni tax-xogħol ta' restawr li sar fuq l-istatwa ta' San Pawl, b'referenza għall-minuta 42/08 u rringrazzja lil kulħadd għall-ħidma li saret sabiex din l-attivita' tkun suċċess. Is-Sindku ġibed ukoll l-attenzjoni li għalkemm seħħet maltempata xita fil-bidu tal-attivita', li għaliha attenda il-Kummissarju Europej Malti John Dalli, l-attivita' tkompliet. Huwa nforma li dakinhar sar użu ta' ġeneratur għad-dawl u sound, b'total ta' tmien mitt euro. Il-Kunsill unanimament qabel ma' l-ispejjeż addizjonali għall-mozzjoni 107/2010. **DOK 'A1'**

**43/02/02** **Is-Sindku** aċċenna għal dak li kien maqbul f'seduta preċedenti, minuta 41/03/01, li għandha tinbena mill-ġdid il-bankina madwar l-istatwa ta' San Pawl bil-ġebel tal-qawwi, *hardstone*, fejn l-istima finali għal din il-bankina tinkludi wkoll ix-xogħol sabiex din il-bankina tinbena għat-tond bi spiża addizjonali ta' €1,002. Dan ix-xogħol madwar l-istatwa ta' San Pawl kien kollu approvat unanimament mill-Kunsilliera preżenti. **DOK 'A 2'**

**43/02/03** **Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera numru ta' lmenti li tqajjmu fl-aħħar ġranet dwar atti vandaliżmu jew irresponsabilitajiet oħra li qed iseħħu madwar l-istatwa ta' San Pawl. Residenti ġibdu l-attenzjoni li annimali qed iħammġu mal-istatwa, kif ukoll dwar sewwieqa li jsuqu għal fuq l-istatwa, fejn diġa l-bankina kienet milquta f'bnadi differenti. Is-Sindku ppropona sabiex madwar l-istatwa jerġa' jitwaqqaf l-istess *railing* tal-ħadid li kien hemm qabel, wara li jkun irranġat u jkun imwaqqaf b'*hard-stone pillars*, b'ġebel tal-qawwi fil-kantunieri, skont id-disinn fir-ritratt anness. **DOK A3'**

**Is-Sindku** ressaq stima ta' ġebla tal-qawwi, metru għolja, ta' €190 'l waħda, li minnhom jeħtieġu jitwaqqfu tmienja madwar din l-istatwa u l-bankina, spiża totali ta' €1,520. Huwa fisser li dan huwa meħtieġ sabiex finalment l-istatwa, li fuqha sar ix-xogħol estensiv ta' restawr, tkun protetta sew mis-sewwieqa, kif ukoll mill-annimali kollha li qed jħammġu fuq l-istess taraġ tal-istatwa. **DOK 'A4'**

**Is-Sindku** ppropona sabiex il-Kunsill jaqbel li għandha titressaq talba lil Transport Malta sabiex madwar l-istatwa tinżeba' *Yellow Box Junction* sabiex ikun ipprojbit kull waqfien madwar din l-istatwa. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda u l-Kunsill unanimament approva li jsir dak kollu neċessarju sabiex ix-xogħol ta' restawr u *upgrading tal-area* li sar mill-Kunsill ma jkunx sewa għal xejn.

**43/02/04** **Is-Sindku** rrefera għax-xogħol li sar mill-Kunsill fuq il-bankina tal-għassa ta' Ħal Qormi bil-għan li tkun solvuta l-problema tal-ilmijiet tax-xita. Dan ix-xogħol jinkludi l-bokka tax-xelter li hemm mal-bieb tal-Għassa u għalhekk ressaq l-istimi għall-bieba li jeħtieġ tinħadem. L-ammont ta' l-orħos stima huwa ta' euro 730. Il-Kunsill unanimament approva din l-istima għal dan ix-xogħol. **DOK 'A5'**

**43/02/05** **Il-Kunsillier Jason Busuttil** ippropona sabiex il-Kunsill jikteb lill-membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi biex titressaq il-gratitudni lejn dawk kollha, speċjalment żgħażagħ, involuti fl-organizzar ta' Lejl f'Casal Fomaro 2010, fejn il-Kunsill għandu jirrikonoxxi l-isforz kbir li sar u l-ħidma kollha sa minn xhur qabel sabiex din l-attivita' tkun suċċess, minkejja l-fatt li l-attivita' ġiet imħassra minħabba l-maltemp għal darba darbtejn. Il-Kunsill għandu jkompli jħeġġeġ lill-membri ta' l-Għaqda sabiex jkomplu bil-ħidma tagħhom ħalli s-sena d-dieħla l-attivita' Lejl f'Casal Fornaro 2011 tirritorna u tkun suċċess. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

**43/02/04** **Is-Sindku** stqarr li kien infurmat mill-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli li l-ftehim tal-*Urban Improvement Fund* dwar il-ġnien fi Triq Ġorg Borg, sejjer ikun sa fl-aħħar iffirmat nhar il-Ġimgħa 19 ta' Novembru.

## 43/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' OTTUBRU 2010

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2010, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru
**b)** Bank Payments Ottubru 2010
**c)** Petty Cash Ottubru 2010

**Il-Kunsillier Kenneth Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur** is-seba' Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**43/04** **Il-Kunsillier Ralph Puli** daħal għas-seduta fis-7.12 ta' **filgħaxija.**

## 43/05 RAPPORTI FINANZJARJI TA' KULL TLETT XHUR

**43/05/01** **Is-Sindku** ressaq it-tielet rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur, mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Settembru 2010, fuq il-mejda tal-Kunsill għall-attenzjoni tal-Kunsill, flimkien mar-rapport *Financial Situation Indicator* għall-istess kwart tas-sena. Ir-rapporti kienu mqassma u ttieħdu bħala moqrija. **DOK 'C1-2'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għad-dħul u l-infieq f'dawn it-tlett xhur ta' din is-sena finanzjarja fejn ir-rapport finali jindika li l-Assi tal-Kunsill fit-30 ta' Settembru 2010 jammontaw għal €107,261 jew 12.44% tal-ammont allokat mill-Gvern Ċentrali, skond id-dispożizzjoni ta' AL 323 P1.05 (d.07) (i) u AL 324 Sezzjoni 2 (bi), fejn issa l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija f'qagħda finanzjarja pożittiva, wara li fl-aħħar tas-sena finanzjarja 2009, il-Kunsill kien mġiegħel mill-awditur jieħu proviżjoni qawwija għall-ammont ta' taħrikiet mhux imħallsa sal-2007.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** fisser li f'dan il-kwart ukoll, il-Kunsill ħadem skont dak li kien approvat fil-budget, fejn l-ammonti ta' spiża kapitali fuq it-toroq, u xogħol ta' tiswija fuq it-toroq miexi skont il-programm tax-xogħol u skont id-dħul finanzjarju ieħor li kien hemm matul din is-sena. Il-Kunsillier Jeffrey Camilleri staqsa x'kien jirreferi l-ammont ta' l-*account 3400 Incidental Expenses* ta' Euro 46,2986. F'dan l-*Account* qed titpoġġa l-proviżjoni dwar LES, minħabba li issa l-Kunsill ġie mġiegħel iżomm l-valur tat-taħrikiet ta' l-aħħar sentejn biss. Għalhekk kull tlett xhur qed tinħadem din il-*provision* sabiex il-pożizzjoni tal-Kunsill tkun dejjem dik reali, u mhux il-*provision* tittieħed fl-aħħar tas-sena.

Il-Kunsill unanimament approva r-rapporti ta' kull tlett xhur, mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Settembru 2010.

**43/05/02** **Is-Sindku** ppropona sabiex, bi tħejjija għall-Budget tal-Kunsill għas-sena 2011, il-Kunsill japprova li l-Laqgħa Ġenerali Annwali tinżamm nhar il-Ħamis 25 ta' Novembru fis-6.30 ta' fil-għaxija fis-sala tal-Kunsill, fejn kull Kunsillier kien mitlub jippreżenta l-ħidma li saret matul is-sena u wara jinstemgħu s-suġġerimenti li jitqajjmu mir-residenti. Il-Kunsill unanimament approva din il-laqgħa u data.

**43/05/03** **Is-Sindku** nforma wkoll li wara din il-laqgħa mar-residenti, għandha ssir il-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi bi tħejjija dwar il-Budget 2011 u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għat-tlett snin 2010-2013, u għalhekk tkun iffissata data għall-Erbgħa l-1 ta' Diċembru, ġimgħa wara l-laqgħa Ġenerali Annwali.

## 43/06 RAPPORTI OĦRA

**43/06/01** **Il-Kunsillier Jeffrey Camilleri** rraporta li b'referenza għall-paragrafu **42/16/04** *Rain water in Main Street Qormi*, huwa flimkien mal-Perit William Lewis iltaqa' mar-residenti ta' dik il-parti ta' Triq il-Kbira, fejn dawn mill-ewwel ilmentaw li meta saret it-triq din inbniet ħażin, għaliex l-ilmijiet jibqgħu hemm, b'konsegwenza li l-karozzi li jgħaddu jtajjru u jmexxu l-ilmijet ma' kullimkien. Tqajjmet il-proposta li tinbidel il-mixja

tat-traffiku, fejn il-Perit tal-Kunsill fissrilhom li t-tibdil tat-traffiku hija ħaġa temporanja, u tiddependi mill-Awtorita' tat-Trasport, u b'daqshekk il-problema ta' l-ilmijiet ma tissolviex. Il-Perit issuġġerixxa li għandu jinbena culvert taħt il-bankina fejn jista' jinġabar l-ilma tax-xita u jitmexxa fil-culvert u mhux minn wiċċ it-triq. Iżda dan is-suġġeriment ma ntlaqgħax għall-ewwel, iżda wara l-istess residenti laqgħu dan is-suġġeriment. Iżda xi membri tal-Armar tal-Festa oġġezzjonaw minħabba arbli tal-festa li hemm tul din it-triq u li jistgħu jitneħħew minħabba l-culvert. Il-Kunsillier Camilleri fisser li l-Perit issuġġerixxa li jista' jsir culvert li jgħaqqad parti tat-triq mal-culvert li diġa hemm u dan sabiex jiġbor u jarmi l-ilmijiet 'l barra lejn Pjazza San Franġisk, imbagħad meta l-Kunsill jibda x-xogħol fuq Triq il-Blata, jista' jinbena culvert li jingħaqad ma' dak li hemm fi Triq il-Blata li jmur lejn Triq il-Wied.

Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u approva li l-Perit tal-Kunsill iħejji lista tax-xogħol kollu meħtieġ, kif ukoll l-istima ta' l-ispejjeż għal dawn il-proposti.

**43/06/02** **Il-Kunsillier Dennis Zammit** informa lill-Kunsill li nhar is-Sibt 6 ta' Novembru, f'Dar il-Mediterran inżammet il-Konferenza għaż-Żgħażagħ dwar il-Kunsill Lokali għaż-Żgħażagħ, fejn tressaq il-programm għas-sena 2011, ingħataw iċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni kif ukoll tressqu preżentazzjonijiet miż-żgħażagħ ta' dawk il-Kunsilli li ngħażlu l-proġetti tagħhom. Iż-Żgħażagħ tal-Kunsill Ħal Qormi ressqu l-proġett li qed jinħadem fil-lokalita'. Il-Kunsillier Zammit ikkonferma li kien hemm żgħażagħ li sejrin jipparteċipaw għas-sena d-dieħla fil-Kunsill taż-Żgħażagħ ta' Ħal Qormi.

**43/07** **MOZZJONI 108/2010 (V) INAWGURAZZJONI STATWA MADONNA TAR-RUŻARJU**

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ressaq il-Mozzjoni 107/2010 dwar l-organizzar ta' serata mużiko letterarja li sejra tittella' għall-inawgurazzjoni ta' l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju wara x-xogħol ta' restawr li sar fuqha: **DOK 'D'**

"Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' €2,050 sabiex tiġi organizzata Serata Marjana fl-okkażjoni tal-Inawgurazzjoni tal-Istatwa Madonna tar-Rużarju, li se tinżamm fi Triq San Pietru nhar it-Tnejn 29 ta' Novembru 2010, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Din l-ispiża tkopri l-ispejjeż tal-Kor, tal-P.A. System, dawl u kiri ta' generator, u siġġijiet li se jitqabbdu għall-okkażjoni, u l-irħama tifkira ta' l-okkażjoni."

**Il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

Is-Sindku fisser li s-Segretarji Parlamentari Dr. Chris Said aċċetta l-istedina u se jkun preżenti għal din l-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet.

**Ivvutaw favur it-tmien (8) Kunsilliera preżenti**.

**Il-Kunsill unanimament qabel** mal-mozzjoni 108/2010 u sar qbil ukoll li titwaħħal irħama ta' kommemorazzjoni għal dan ix-xogħol ta' restawr li l-Kunsill se jkun għamel fuq l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

**43/08 MOZZJONI 109/2010 (V) PAVIMENTAR MADWAR STATWA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina,** ressaq il-Mozzjoni 109/2010 dwar xogħol meħtieġ fir-restawr tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, xogħol fuq il-pavimentar, fuq il-bdil tal-gastri li jinsabu fi stat deterjorat, u xogħol ta' *piping* tad-dawl. **DOK 'E'**

**"**Nipproponi n-nefqa ta' €3,512.73 għal *hard stone paving* madwar l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, minflok il-bankina tal-konkos u xogħol ieħor fuq l-istatwa."

**Il-Kunsillier jason Busuttil** ssekonda il-mozzjoni.
**Il-Kunsill** unanimament approva din il-Mozzjoni 109/2010 (V).

**43/09 KORRISPONDENZA DWAR IL-GABBANI FIL-FESTA SAN SEBASTJAN**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Fr. Joseph Buhagiar, Kappillan tal-Parroċċa San Sebastjan, datati 19 ta' Ottubru u 8 ta' Novembru 2010, flimkien mal-korrispondenza datata 22 ta' Ottubru 2010, mibgħuta mill-Kunsill, fejn intalbet kjarifika. **DOK 'F 1-3'**

**Il-Kappillan** u r-rappreżentanti tal-Għaqdiet tal-Festa ressqu talba wara "li ġie maqbul li ma għandux ikun hemm gabbani madwar il-Knisja fil-ġranet tal-festa, u dan biex il-Knisja jkollha dehra isbaħ u l-banda tkun tista' tgħaddi b'aktar kumdita mit-toroq ħdejn il-knisja. Għalhekk nitlob li l-Kunsill Lokali jibda l-proċess biex dawn il-gabbani jiġu allokati f'postijiet oħra mhux madwar il-Knisja"

**Is-Segretarju Eżekuttiv** informa li f'isem il-Kunsill kien kiteb lura u talab kjarifika mingħand il-Kappillan, għal-liema Kiosks / Stands / Gabbani tal-festa qed issir referenza fl-itrra, għax b'kollox hemm total ta' 51 permess f'dik l-area, kif ukoll intalbet indikazzjoni għal żona ġdida fejn dawn il-gabbani qed ikun suġġerit li jiġu trasferuti. Fir-Risposta tiegħu tat-8 ta' Novembru, il-Kappillan fisser li "l-gabbani li

nixtiequ li jitneħħu huma dawk indikati fi pjanta numru 2, jiġifieri min-numru 77 sa 109 (li huma 31 post), minn 18 sa 24 (li huma 7 postijiet), u minn 69 sa 75 (li huma 7 postijiet). Il-Kappillan ressaq suġġeriment li dawn jitpoġġew fil-kaxex 25 sa 29, u 68 sa 64, (total ta' 10 postijiet) u l-bqija ikomplu fi Vjal de la Cruz ( 35 post ieħor).

**Is-Segretarju Eżekuttiv** għalhekk spjega lill-Kunsilliera li hija r-Responsabbilta' tal-Kunsill li jieħu deċiżjoni finali dwar din it-talba u għalhekk qed ikun suġġerit li l-Kunsill l-ewwel nett għandu:
1: jinforma lill-Ministru responabbli, bit-talba li tressqet lill-Kunsill u li 'l quddiem trid tkun diskussa mill-Kunsill;
2: jinforma lill-bejjiegħa b'dak li qed ikun suġġerit li jiġu mċaqalqa,
3: jinforma lir-residenti ta' Vjal de la Cruz b'din it-talba.

Il-Kunsill kien ukoll imfakkar li f'dawk il-ġranet matul il-Festa, it-traffiku li jidħol mir-*roundabout* ta' ħdejn il-*Lowenbrau* jiġi devjat għal Triq is-Sienja u għal Vjal de la Cruz minħabba li Triq San Sebastjan tkun magħluqa.

Inġibdet ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill għal-Leġislazzjoni Regolamenti dwar l-Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsilli Lokali (Artiklu (6) fejn hemm li: L-area ta' fejn titwaqqaf xi posta jew kiosk jew titwettaq xi attivita' kummerċjali tiġi allokata mill-Kunsill Lokali u d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali hija **finali**; Il-Kunsill għandu jimxi skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04, Regolamenti dwar l-Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali, Avviż Legali 119 ta' 2002, kif emendat dwar din il-materja, b'mod partikulari dan l-artiklu 8 ukoll:
(8) Fl-eżercizzju ta' identifikazzjoni ta' posti għall-kiosk fi żmien il-festi reliġjużi il-Kunsill għandu: (i) kemm-il darba l-ispazju li fih se jalloka il-posti ikun l-istess spazju li diġa kien qed ikun okkupat minn dawk il-bejjiegħa b'liċenzja li kellhom qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, il-Kunsill Lokali għandu **jagħti preċedenza** lil dawk il-bejjiegħa li jarmaw fl-istess posti fejn ikunu ilhom dan l-aħħar żmien jarmaw. (ii) (a) Kemm-il darba Kunsill Lokali jkun se jidentifika żona ġdida, il-Kunsill Lokali għandu jara li dik iż-żona **ma tkunx imbegħda jew maqtugħa** miċ-ċirkolazzjoni tal-pubbliku li jattendi għal dik l-attivita'. (b) Il-Kunsill Lokali għandu javża pubblikament minn ta' l-inqas **xahrejn qabel** id-data tal-festa reliġjuża dwar l-identifikazzjoni taż-żona l-ġdida. (c) Kemm-il darba jidħlu iżjed applikazzjonijiet milli jkun hemm siti disponibbli, il-Kunsill Lokali għandu jara li l-ewwel siti li jalloka jkunu lill-bejjiegħa li preċedement kienu jarmaw f'dik il-lokalita'; u (d) ikun ċert li ż-żona ġdida tkun kbira biżżejjed biex **takkomoda l-istess għadd** ta' bejjiegħa li kienu jarmaw fis-sit preċedenti. (iii) (a) Il-Kunsill Lokali jista' jobbliga lid-detenturi tal-awtorizazzjoni għal tqegħid ta' posta jew kiosk li jiffurmaw Kumitat Amministrattiv. (b) id-detenturi tal-awtorizazzjoni kif imsemmi hawn aktar qabel huma obbligati li jaderixxu ma' kull ftehim milħuq bejn il-Kumitat Amminstrattiv u l-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill qabel li din il-materja tkun diskussa f'seduta oħra wara li

kulħadd ikun infurmat b'din il-proposta.

**43/10** **Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill numru ta' ritratti u siltiet mill-gazzetti lokali dwar il-maltempata li seħħet tal-Ħadd/Tnejn 25 ta' Ottubru 2010, kif ukoll l-istqarrija għall-istampa li l-Kunsill ħareġ dwar l-iŻbroff ta' Drenaġġ u l-Problema ta' l-Għargħar, inkonvenjenti li ilhom iseħħu s-snin f'Ħal Qormi. Tressqu wkoll numru ta' ritratti ta' Wied is-Sewda, Triq Correa, Triq Pawlu Farrugia, Triq il-Wied, il-Wied il-Kbir, dwar il-ħsarat li seħħu permezz tal-maltempata. Kien imfisser ukoll li l-Kunsill mill-ewwel ħa miżuri ta' tindif, speċjalment mit-tjun u zkuk tas-siġar fi Triq Pawlu Farrugia u Triq il-Wied, u qed ikun stmat li l-ispejjeż ta' tindif u ħasil ta' toroq għal din l-emerġenza li jaqbżu t-tlett elef Euro. Il-Kunsill qabel mal-miżuri u xogħol ta' tindif matul din l-emerġenza. **DOK 'G 1-3'**

**43/11** **KORRISPONDENZA WSC DWAR ŻBROFF TA' DRENAĠĠ**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza li saret mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma dwar l-iŻbroff ta' Drenaġġ li qed iseħħ b'mod regolari fi Triq il-Belt Valletta u fi Sqaq l-Għadira. **DOK 'H'**

**43/12** **KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Korrispondenza dwar: **DOK 'J 1-7'**

1. Ħsara f'Misraħ il-Kittieba wara inċident tat-traffiku, bi stima ta' spejjeż ta' Euro 630.
2. Ħsara fi Ġnien Federico Maempel minn grupp ta' żgħażagħ li saret fil-lejl bejn l-Erbgħa 27 ta' Ottubru, stmata Euro 714. Dawn iż-żgħażagħ kienu identifikati u miżmuma mill-Pulizija, u dawn l-ispejjeż qed jintalbu lura mingħandhom.
3. Email mill-Perit tal-Kunsill dwar bżonn ta' *Survey* fi Triq ix-Xitwa minħabba magħqad ta' ilma. Il-Kunsill qabel li jsir dan is-*survey*.
4. Korrispondenza dwar il-problema ta' l-ilmijiet fi Triq il-Biegħa u l-bżonn ta' bini ta' culvert.
5. Tressqu l-Pjanti mħejjija mill-Perit William Lewis dwar it-twaqqif tal-Monti fi Triq l-Imdina u Triq l-Iljun. Il-Kunsillier Dennis Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li tul Triq l-Imdina hemm numru ta' garaxxijiet ta' burdnara, sabiex ma jkunux ostakolati. Kien maqbul li jsiru laqgħat ma' dawn is-sidien.
6. Email mingħand l-Enġineer Albert Falzon dwar *Walk through energy audits of the Government of Malta day and residential centres.* Dan is-survey sejjer isir mill-Gvern Ċentrali skont id-dokument anness.

isiru sessions ta' *filming* dwar kull applikazzjoni. Il-Kunsill qed jipparteċipa bil-Promozzjoni tal-Intraprenditorija fost l-Għaqdiet Lokali permezz ta' Attivitajiet Kulturali mtella' f'Ħal Qormi.

**43/13 MEMOS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill dawn il-Memos. **DOK 'K 1-4'**

Memo 126 – Arrivitajiet fil-lokalitajiet b'Risq il-Malta Community Chest Fund

Memo 127 – Kuntratti dwar il-Gbir tal-Iskart Imħallat

Memo 128 – Taħriġ għall-impjegati tal-Librerija Pubbliċi

Memo 137 – Website cleanu up Malta Campaign

**43/14 AĠĠORNAMENT**

Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010 fis-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.35 ta' fil-għaxija.

Jesmond Aquilina
Sindku

John Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum l-Erbgħa (Jum) 15 (Data) ta' Diċembru (Xahar) 2010.